



Il-Kummissjoni  
Ewropea

# IL-ĠINGĦA EWROPEA GĦALL-ĦILJET VOKAZZJONALI



**2018** | Sett ta' għodod tal-midja soċjali

**#DiscoverYourTalent**

Impjegi, affarijiet  
soċjali u inklużjoni

## Dwar is-Sett ta' Għodod tal-Midja Soċjali

Is-sett ta' għodod tal-midja soċjali tal-Ġimgħa Ewropea għall-Ħiliet Vokazzjonali 2018 tfassal biex, bħala partijiet ikkonċernati u sħab, jgħinkom tippromwovu l-Ġimgħa Ewropea għall-Ħiliet Vokazzjonali u l-benefiċċji tal-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali (ETV) madwar l-Ewropa.

Dan is-sett ta' għodod jipprovdi informazzjoni dwar il-kampanja ta' komunikazzjoni tal-Ġimgħa Ewropea għall-Ħiliet Vokazzjonali u modi kif tista' tipparteċipa bl-użu tal-midja soċjali:

- Taqsam il-materjali tal-kampanja permezz tal-midja soċjali.
- Issegwi l-pjattaformi tal-kampanja, taqsam kontenut u tuża l-hashtags tal-kampanja.
- Informazzjoni u pariri dwar kif tippubblika kontenut fuq Facebook u Twitter eċċ., inklużi posts u links lesti permezz ta' materjali tal-kampanja li tista' tuża u tippowstja
- Informazzjoni u pariri dwar kif toħloq il-kontenut tiegħek, inkluż Facebook Live, Instagram live!
- Ixxerred il-kelma f'avvenimenti, inkluż informazzjoni dwar twittjar live

## Dwar il-kampanja tal-Ġimgħa Ewropea għall-Ħiliet Vokazzjonali

Il-Ġimgħat Ewropej għall-Ħiliet Vokazzjonali fl-2016 u fl-2017 kienu ta' suċċess, u l-Kummissjoni Ewropea qed torganizza t-tielet Ġimgħa Ewropea għall-Ħiliet Vokazzjonali biex tqajjem kuxjenza dwar l-Edukazzjoni u t-Taħriġ Vokazzjonali (ETV). Il-Ġimgħa uffiċjali fi Vjenna se ssir bejn il-5 u d-9 ta' Novembru 2018 u mijiet ta' avvenimenti relatati mal-ETV se jiġu organizzati madwar l-Ewropa minn Settembru sa Diċembru 2018.

Il-kampanja tlaqqa' flimkien lill-fornituri tal-edukazzjoni u tat-taħriġ, lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, lill-awtoritajiet pubbliċi, lill-organizzazzjonijiet tan-negozju u lill-pubbliku usa' sabiex l-ETV isir aktar magħruf madwar l-Ewropa. Il-Ġimgħa timmira li turi l-ħafna opportunitajiet li l-ETV jista' jipprovdi liż-żgħażaġħ u lill-adulti, u l-valur li l-ETV jipprovdi għall-ekonomija u l-futur tax-xogħol u l-ħiliet.

### MOTTO U HASHTAGS TAL-KAMPANJA

Il-motto tal-inizjattiva huwa **“Skopri t-talent tiegħek!”**

Hemm żewġ hashtags tal-kampanja. #EUVocationalSkills għandha fil-mira tagħha l-partijiet ikkonċernati u l-multiplikaturi, filwaqt li #DiscoverYourTalent għandha s-soċjetà b'mod ġenerali. Jekk jogħġbok uża dawn il-hashtags sabiex inkunu nistgħu nintraċċaw il-konverżazzjonijiet relatati.

## 6 modi kif tista' tipparteċipa

### 1. AQSAM IL-MATERJALI TAL-KAMPANJA TIEGĦEK

Aħna se nqiegħdu l-materjali kollha tal-kampanja fuq il-paġni web dwar il-Ġimgħa Ewropea għall-Ħiliet Vokazzjonali tal-Kummissjoni Ewropea. Dan se jinkludi informazzjoni dwar il-kampanja, settijiet ta' għodod tal-kampanja, wirja onlajn eċċ.

Fuq il-Portal Awdjoviżiv tal-Kummissjoni Ewropea u fuq l-istazzjonijiet ta' Youtube, Facebook u Twitter tal-Ewropa Soċjali tal-Kummissjoni Ewropea se jittellgħu vidjos biex tkun tista' tixxerjahom, tippowstjahom b'mod nattiv u/jew tinkorporahom<sup>1</sup> f'siti web, posts ta' bloggs u stazzjonijiet tal-midja soċjali.

Tħobb il-kwiżżijiet onlajn?  
Segwi l-istazzjonijiet tal-midja soċjali tagħna għal opportunità biex tipparteċipa!!

### 2. SEGWINA!

Segwina fuq dawn il-pjattaformi tal-midja soċjali u kun parti mill-konverżazzjoni billi tuża l-hashtags: #EUVocationalSkills #DiscoverYourTalent

Jekk jogħġbok ħossok liberu li taqsam il-kontenut minn dawn l-istazzjonijiet.

**Twitter** @EU\_social u @EuropeanYouthEU

**Facebook** @socialeurope u @EuropeanYouthEU

### 3. IPPUBBLIKA FUQ IL-MIDJA SOĠJALI

Aħna ñejjejna xi posts lesti għalik biex tippubblikahom fuq l-istazzjonijiet onlajn tiegħek. Dawn jistgħu jiġu akkumpanjati minn ritratti, infografika, GIFs u vidjos sabiex jidhru aktar interattivi u attraenti.

Eżempji ta' posts tal-midja soċjali

Aħna qed norganizzaw avveniment għall-Ġimgħa Ewropea għall-Ħiliet Vokazzjonali!  
#DiscoverYourTalent #EUVocationalSkills  
[www.ec.europa.eu/social/VocationalSkillsWeek](http://www.ec.europa.eu/social/VocationalSkillsWeek)

Reġġet waslet! Sib avveniment tal-Ġimgħa Ewropea għall-Ħiliet Vokazzjonali fuq il-mappa interattiva #EUVocationalSkills [www.ec.europa.eu/social/VocationalSkillsWeek](http://www.ec.europa.eu/social/VocationalSkillsWeek)

<sup>1</sup> Jekk tmur fuq il-vidjo li tixtieq tuża u tagħfas fuq Share jew fuq l-ikona, jidher URL li tista' tuża biex tinkorpora l-vidjo.

Tixtieq bidla fil-karriera? L-opportunitjiet #adultlearning huma mod tajjeb ħafna kif ittejjeb il-ħiliet tiegħek. [www.ec.europa.eu/social/VocationalSkillsWeek](http://www.ec.europa.eu/social/VocationalSkillsWeek) #DiscoverYourTalent #EUVocationalSkills

Tixtieq titgħallem waqt li tkun qed taħdem? Ikkunsidra #apprenticeships! Sir af aktar waqt l-avveniment tal-#EUVocationalSkills Week: [Link għal informazzjoni dwar l-avveniment] #DiscoverYourTalent

### Informazzjoni

- Inkludi links biex tidderieġi t-traffiku lejn il-paġna web tal-Ġimgħa Ewropea għall-Ħiliet Vokazzjonali;
- Inkludi viżwali u kontenut tal-vidjo fit-tweets tiegħek sabiex iżżid l-involviment. Gwida ulterjuri dwar dan hija pprovduta hawn taħt;
- Uża l-ismijiet tal-kontijiet ta' Twitter biex issemmi lil utenti oħrajn fit-tweets tiegħek u titteggjahom fl-immaġni tiegħek, u interaġixxi ma' oħrajn billi twieġeb għat-tweets tagħhom;
- Waħħal it-tweets fuq nett tal-feed tiegħek dwar l-attivitajiet jew il-vidjos #DiscoverYourTalent;
- Agħmel like, share u kkummenta dwar dawn il-posts permezz ta' profili individwali, jew il-paġna ta' Facebook tal-organizzazzjoni tiegħek;
- Involvi ruħek f'konverżazzjonijiet billi tikkummenta jew twieġeb lil utenti oħrajn dwar posts ta' #EUVocationalSkills u #DiscoverYourTalent;
- Int tista' tuża l-għodda tal-iskedar ta' Facebook biex tippjana posts futuri, u b'hekk tiżgura promozzjoni tal-kampanja regolari;
- Organizza attività jew avveniment Facebook Live. Il-gwida dwar kif tuża Facebook Live hija pprovduta hawn taħt. Tista' aktar informazzjoni wkoll permezz [taċ-Ċentru ta' Għajnuna ta' Facebook](#).

### Pjattaformi oħra tal-midja soċjali

Int tista' tadatta l-materjali promozzjonali tal-Ġimgħa Ewropea għall-Ħiliet Vokazzjonali għal varjetà ta' midja soċjali. Pereżempju jekk tiffurma parti minn grupp rilevanti ta' LinkedIn, jew jekk il-pajjiż tiegħek għandu l-pjattaforma tal-midja soċjali popolari tiegħu, ħossok liberu li taqsam materjali tal-kampanja u informazzjoni dwar l-avveniment hemmhekk.

## 4. OĦLOQ IL-KONTENUT TIEGĦEK STESS

Matul il-perjodu tal-kampanja, int se jkollok firxa ta' opportunitajiet biex taqsam l-esperjenzi tiegħek u aċċess għal avvenimenti tul firxa ta' pjattaformi tal-midja soċjali. Dan ikun mod tajjeb ħafna kif in-nies isiru jafu bl-avvenimenti u kif tteggēg lil ħaddieħor ifittixhom. Għalhekk huwa importanti li l-kontenut tiegħek ikun attraenti kemm jista' jkun! Huwa tajjeb li fejn possibbli tuża kombinazzjoni ta' kontenut miktub u viżiv (pereżempju, huwa anqas probabbli li wieħed jiskrollja u jinjora post testwali ta' Facebook jekk tehmeż immaġni li tolqot l-għajn)

Meta tagħmel il-kontenut tiegħek stess, huwa importanti ħafna li titteggja u tuża hashtags uffiċjali b'mod konsistenti biex iżżid ir-rikonoxximent u l-abbiltà tat-tiftix tal-kampanja. Dawn it-tags u hashtags jistgħu jintużaw f'kontenut miktub u viżiv, deskritti hawn taħt f'aktar dettall.

---

Parir ieħor importanti huwa li tkun kreattiv! Li żżid emojis, filtri u stampi live mill-avveniment huwa mod mill-aqwa kif tiġbed l-attenzjoni u żżomm l-udjenja involuta matul il-ġimgħa. Ftakar biex dejjem iżżomm il-kontenut tiegħek xieraq għall-kuntest (aġġżel l-emojis tiegħek b'mod għaqli) u itlob permessi mingħand individwi biex jidhru fir-ritratti u fil-kontenut tiegħek.

### L-użu ta' viżwali

Sabiex tagħmel il-posts tal-midja soċjali tiegħek aktar attraenti ara li żżid immaġni, ritratti jew vidjos flimkien mal-posts. Dawn tista' tagħmilhom int stess jew tuża l-materjali lesti tagħna li huma disponibbli biex jitniżżlu minn fuq [is-sit web](#) tal-Ġimgħa Ewropea għall-Ħiliet Vokazzjonali.

Dawn jinkludu:

- Identità viżiva
- Aktar vidjos promozzjonali se jżiedu wkoll fuq il-paġna web meta tkun qorbot il-Ġimgħa.

### GIFs

GIF hija serje qasira ta' frejms ta' immaġnijiet li jintwerew wieħed wara l-ieħor, u b'hekk joħolqu klipp animat. Dan huma mod mill-aqwa kif tiġbed l-attenzjoni u twassal messaġġ. Fejn hemm messaġġ hemm opportunità għal GIF!

Il-GIFs tarahom kullimkien; huma popolari immens fuq il-midja soċjali u mod effettiv kif toħloq involviment.

Il-GIFs mhux biss iħallu impatt fuq min jarahom iżda huma wkoll faċli biex toħloqhom. Hemm ħafna għodod sempliċi biex tużahom onlajn u li bihom tista' toħloq il-GIFs tiegħek.

[Gifs.com](#) - din hija għodda perfetta għall-ħolqien ta' GIFs minn YouTube, Instagram jew vine vidoes.

[Giphy GIF Maker](#) - bil-fluss mhux ikkumplikat tal-utent ta' Giphy, tista' toħloq il-GIF tiegħek direttament minn fajls tal-vidjo jew links tal-YouTube.

[Gifmaker.me](#) - din l-għodda onlajn tippermettilek toħloq GIFs minn immaġnijiet. Int tista' timmodifika l-GIF tiegħek billi tibdel id-daqs tal-kanvas, in-numru ta' drabi li jenħtieġ li l-GIF tirrepeti ruħha u l-veloċità.

### Fejn issib l-aħjar GIFs lesti

Hemm ħafna riżorsi ta' GIFs onlajn minn fejn tagħżel. Dawn huma wħud mill-aktar popolari.

[Giphy](#) – Giphy għandha waħda mill-akbar kollezzjonijiet ta' GIFs. Il-funzjoni ta' tfittxija u l-kategoriji tagħha jagħmluha faċli għalik biex issib il-GIF perfetta tiegħek.

[Twitter GIF Search](#) - il-librerija tal-GIFs ta' Twitter għandha għażla vasta ta' animazzjonijiet minn fejn tagħżel. Il-funzjoni ta' tfittxija hija operata minn tnejn mill-akbar repożitorji tal-GIFs fuq l-internet; Giphy u Riffsy.

### Pariri dwar il-ħolqien ta' ritratti tiegħek

Jekk tinkludi n-nies tagħti ħajja lill-kontenut tiegħek u tagħmilha faċli biex dak li jkun jirrelata miegħu. Dawn huma xi pariri dwar it-teħid ta' ritratti b'nies:

- Kun żgur li għandek il-permess biex tippostja r-ritratti tal-membri tiegħek qabel tużahom;

- Ipprova hu ritratti pożittivi ta' nies qed jieħdu gost jitgħallmu;
- Agħti lill-udjenza tiegħek intuwit aħjar fl-organizzazzjonijiet tiegħek billi taqsam esperjenzi ta' wara l-kwinti.

### **Pariri dwar l-iffilmjar mill-ismartphone jew mit-tablet tiegħek**

Tista' tiffilmja filmat tal-avveniment tiegħek billi tuża l-ismartphone jew it-tablet tiegħek u ttellgħu fuq il-midja soċjali sabiex aktar nies ikunu konxji ta' x'seħħ waqt l-avveniment tiegħek. Dawn huma xi pariri biex tiftakarhom:

- Kun ċert li qed iżżomm l-ismartphone b'mod orizzontali (bin-naħat it-twal b'mod parallel mal-art);
- Itteppja l-iskrin fuq il-punt li tixtieq tiffoka fuqu;
- Kun ċert li qed tirrekordja (jenħtieġ li tara kodiċi tal-ħin fuq l-iskrin);
- Ipprova żomm il-kamera soda kemm jista' jkun;
- Jekk qiegħed f'post mudlam, ixgħel il-flexx għal stampa aħjar;
- Kun ċert li qed timmira l-kamera lejn dak li tixtieq tiffilmja;
- Tluġħ permezz ta' drop box, jew servizz bħal Transfer jiżgura li l-film tal-avveniment tiegħek ma jkunx ikkompresat.

### **Dwar xiex titkellem jew qed tiffilmja aħbar dwar avveniment:**

- Kelliem li jħabbar l-avveniment (tinsiex tgħid l-isem tal-avveniment u l-post fejn se jsir);
- Tkellem dwar kif l-avveniment jipromwovi t-taħriġ vokazzjonali bħala l-ewwel għażla;
- Tkellem dwar dak li qed tippjana li tikseb mill-avveniment, x'se jkunu l-benefiċċji tanġibbli għall-parteċipanti tal-avveniment (eż. tgħalliem ħiliet ġodda jekk l-avveniment huwa kors ta' taħriġ, sir af dwar il-ħiliet rilevanti neċessarji sabiex tidħol f'industrija speċifika, tikseb informazzjoni dwar riżorsi disponibbli eċċ.);
- Stieden lin-nies biex jattendu għall-avveniment tiegħek.

### **X'tiffilmja matul l-aħbar dwar l-avveniment:**

- close up tal-kelliem fuq il-palk
- xena wiesgħa tan-nies fuq il-palk
- Interazzjoni bejn in-nies fi grupp
- Nies jieħdu n-noti
- Nies jitbissmu/jidħku
- Xeni taż-żona lokali
- Xeni speċifiċi għall-post jew għall-attività

## **5. Mur "LIVE"**

Filmkien ma' posts tradizzjonali u tal-midja soċjali skedati, huwa importanti li tuża l-firxa sħiħa ta' għodod li l-midja soċjali toffri sabiex tkun attraenti kemm jista' jkun. L-istruzzjoni live b'mod partikolari sar aktar popolari mal-utenti tal-midja soċjali, b'aktar pjattaformi jinkorporawh fl-esperjenza għall-utent tagħhom. Dan mhux biss jiffaċilita relazzjoni aktar mill-qrib mal-udjenzi tiegħek billi jagħtihom aċċess "minn wara l-kwinti" f'avvenimenti li jattiraw ħafna nies, iżda huwa wkoll mod tajjeb ħafna kif tutilizza l-kontenut tal-kampanja tiegħek f'ħin reali.

## Użu ta' Facebook Live

Facebook Live jippermetti lin-nies jaqsmu vidjos live mas-segwaċi u mal-ħbieb tagħhom. Is-servizz ta' strimjar jippermetti lil kulħadd ixandar vidjos live mill-apparati mobbli tiegħu direttament għan-News Feed ta' Facebook tiegħu.

Wara li xandira tintemm, il-vidjo jiġi ppubblikat fuq il-Paġna ta' Facebook sabiex dawk li jkunu tilfuha jkunu jistgħu jarawha aktar tard.

## Kif ixandar fuq Facebook Live

Facebook Live huwa aċċessibbli mill-Facebook App mobbli li int tista' tniżżel mingħajr ħlas permezz ta' iTunes jew Google Play.

Qabel ma tibda xandira Facebook jitolbok iddañhal deskrizzjoni għax-xandira tiegħek. Oħloq deskrizzjoni interessanti li tagħti lill-udjenza tiegħek kemm jista' jkun informazzjoni possibbli u informa lill-udjenza tiegħek dwar x'jistgħu jistennew.

Facebook jirrakkomanda li tkun live għal tal-anqas ħames minuti. Xandira qasira ħafna ma tagħtix biżżejjed ħin lin-nies biex jifhmu. Barra minn hekk, hemm tendenza li tul xandiriet itwal jakkumulaw aktar spettaturi.

Hemm ħafna tipi differenti ta' xandiriet li tista' tippowstja biex iżżomm l-udjenza tiegħek involuta, bħal:

- Organizza sessjoni ta' mistoqsijiet u tweġibiet
- Wettaq intervista qasira ma' kollega jew expert
- Ħalli lill-ispettaturi jaraw wara l-kwinti
- Għallem xi ħaġa lin-nies permezz ta' vidjo ta' dimostrazzjoni



## Ħames pariri ewlenin għal Facebook Live

1. Informa lin-nies minn qabel li tkun se xxandar sabiex ikunu jafu bil-vidjo tiegħek u jfittxuh;
2. Ipprattika x-xandir tiegħek. Tista' tittestja x-xandiriet tiegħek billi tagħżel l-opzjoni "only me" mis-setting;
3. Ħeġġeġ lill-ispettaturi biex jagħfsu Like u jaqsmu l-vidjo e.ż. "Agħfas like jekk...", "Aqsam dan ma'...";
4. Itlob lill-ispettaturi biex jinkitbu għal notifikati live sabiex jiġu notifikati meta terġa' taqleb live;

- Wieġeb il-kummenti live, uża l-ismijiet tal-membri tal-udjenza biex iżżommhom involuti.

### Użu tal-Instagram

Instagram huwa app tal-qsim tar-ritratti u l-vidjos li bħalissa għandu madwar 700 miljun utent attiv. Instagram Live jippermetti lin-nies jaqsmu vidjos live mas-segwaċi tagħhom u ma' utenti oħrajn ta' Instagram.

Is-servizz tal-istimjar jippermetti lil kulħadd ixandar vidjos live mill-apparati mobbli tiegħu direttament lejn il-Feed ta' Instagram tiegħu. Instagram stories tippermetti lill-utenti jtellgħu l-aħħar 24 siegħa ta' kontenut tagħhom, kemm jekk dan ikun stampa, vidjo jew "boomerang" għas-segwaċi tagħhom u segwaċi oħra ta' Instagram biex jaraw sa 24 siegħa ta' upload.

### Kif tuża Instagram Stories

Hemm żewġ modi fi ħdan l-app biex tibda "l-istorja" tiegħek; billi tikklikkja fuq l-ikona tal-kamera fil-kantuniera ta' fuq filwaqt li tkun fuq il-feed tiegħek jew billi tikklikkja fuq l-ikona tiegħek waqt li tkun fuq il-profil tiegħek. Kif jidher hawn taħt, l-istorja tiegħek se tidher fuq il-feed ta' utent u tinnotifikah jekk intix qed tistrimja live.

Int se jkollok diversi opzjonijiet dwar kif tuża l-kamera tiegħek: normali, vidjo live, boomerang jew handsfree. Ladarba tkun ħadt ir-ritratt bis-setting "normal", tista' tagħmel użu sħiħ mill-elementi ta' Instagram.

Kif jidher mill-eżempju hawn taħt, tista' żżid filtri, titteggja lil utenti oħra, tehmeż filtri ġeografiċi, hashtags u emojis mal-istampa tiegħek. Barra minn hekk, wieħed jista' jikklikkja fuq l-elementi tal-itteggjar; inti sejjer tiġi dirett/a lejn kwalunkwe hashtag, profil jew post li ktibt fl-istampa ladarba tikklikkja fuhom. Dan huwa mod tajjeb ħafna biex iżżid il-kapaċità ta' ftitxija tal-kontenut tiegħek.





### Pariri dwar Instagram Stories

- Ara li għandek il-permess biex tippowstja r-ritratti tal-membri tiegħek qabel tużaha u ara li tistaqsi jekk huma wkoll għandhomx kont tal-Instagram biex jiġi tteggjat fl-istorja.
- Ftakar li jekk ma tixtieqx iżżid l-istampa minnufih, għandek biss 24 siegħa biex tinkludiha fl-istorja tiegħek.
- Meta titteggja ritratti tinsieħ tkun konsistenti fl-itteggjar u fil-filtri.
- Agħti lill-udjenza tiegħek intuwitu aħjar fl-organizzazzjonijiet tiegħek billi taqsam esperjenzi ta' wara l-kwinti.

### Kif ixxandar fuq Instagram Live


Instagram Live jaħdem b'mod simili għal Facebook Live, fis-sens li huwa aċċessibbli biss permezz tal-Instagram app, li hija disponibbli biex wieħed iniżżilha mingħajr flas minn fuq [iTunes](#) jew minn fuq [Google Play](#).

Instagram Live, huwa live stream simili għal Facebook Live u jippermetti lill-utent ikollu l-vidjo tiegħu disponibbli sa 24 siegħa wara l-iffilmjar. L-użi għal din l-għodda huma wkoll bħal dawk ta' Facebook live, fil-ħolqien ta' kontenut attraenti bħal:

- Organizza sessjoni ta' mistoqsijiet u tweġibiet
- Wettagħ intervista qasira ma' kollega jew espert
- Ħalli lill-ispettaturi jaraw wara l-kwinti
- Għallem xi ħaġa lin-nies permezz ta' vidjo ta' dimostrazzjoni

Fl-eżempju hawn taħt, meta tagħżel is-setting "live" jew "hands-free" int tkun tista' tistrimja live mhux biss għas-segwaċi tiegħek iżda anke għal kwalunkwe utent ta' Instagram.

Filwaqt li dan l-element ma jippermettix filtri u tteggjar ta' materjal addizzjonali, l-utenti jistgħu jikkomentaw u jħallu feedback pożittiv f'ħin reali. M'hemm l-ebda limitu ta' żmien fuq il-vidjo tal-istrimjar live tiegħek. Ladarba l-vidjo tiegħek jispiċċa int tkun tista' tara kemm ikunu rawh spettaturi u jekk tkunx trid li jintwera għal 24 siegħa oħra.




### Pariri dwar Instagram Live

- Ara li push-notifications tkun mixgħula sabiex l-utenti jġu mfakkra biex jaraw il-vidjo;
- Ħeġġeġ lill-ispettaturi jagħfsu Like u jikkomentaw fuq il-vidjo eż. “ Agħfas like jekk...”, “X’taħseb dwar...”;
- Ara li tiffilmja kontenut attraenti li jżomm lin-nies jarawh, inklużi membri u mistednin li jattiraw ħafna attenzjoni għal esperjenza ta’ wara l-kwinti;
- Ippraktika l-qlib mingħajr diffikultà bejn il-kamera ta’ quddiem u ta’ wara tal-apparat tiegħek għal esperjenza ta’ strimjar effiċjenti.

### L-Użu ta’ Twitter Live (imħaddem minn Periscope)

Twitter Live, imħaddem minn Periscope, huwa element fi ħdan it-Twitter app li jippermetti lill-utenti biex jistrimjaw live. Dan ukoll huwa simili għal Facebook live u Instagram live, fis-sens li jippermetti involviment dirett, u l-istrim tkun tista’ tintwera wara li int tkun lestejt tiffilmja u jkunu jistgħu jarawha l-utenti kollha. Sabiex tużah, niżżel Twitter minn fuq [iTunes](#) jew minn fuq [Google Play](#).



Twitter javżak meta tkun se taqleb live u jippermetti li utenti oħrajn jirreaġixxu u jikkummentaw fuq il-vidjo.

## 6. XERRED IL-KELMA WAQT AVVENIMENTI

Aħna rridu nxerrdu l-messaġġ tal-kampanja lil udjenza vasta kemm jista' jkun.

Jekk qed torganizza avveniment kemm jekk offlajn kif ukoll jekk onlajn, aħna nhegġguk tqiegħed informazzjoni dwar l-avveniment fuq il-mappa interattiva tal-Ġimgħa Ewropea dwar il-Ħiliet Vokazzjonali billi tirreġistra l-avveniment tiegħek. Meta tippromwovi l-avveniment fuq il-midja soċjali, itteggja lil organizzazzjonijiet oħra rilevanti fil-posts u fit-tweets tiegħek sabiex dawn ikunu jafu dwar l-avveniment u jiġu mħeġġa jaqsmuha mas-segwaċi tagħhom ukoll.

Jekk se tattendi avveniment tal-Ġimgħa Ewropea għall-Ħiliet Vokazzjonali, għaliex ma tneġġi lin-nies jipparteċipaw, u xxerred il-kelma!

### Pariri għal tweeting-live

- Iverifika l-hashtags tal-avvenimenti sabiex tara min aktar jista' jkun qed jittwitja live u aqsam il-kontenut tagħhom;
- Żid il-valur lis-segwaċi tiegħek billi tagħtihom kontenut li ma jistgħu jiksbu imkien ieħor;
- Ipprova u inkludi immaġni, gifs, infografika jew vidjos fil-posts tiegħek minħabba li dawn huma aktar attraenti;
- Aqsam kwotazzjonijiet ta' ispirazzjoni/fatti importanti. Meta tikkwota b'mod dirett, ipprova uża l-virgoletti.

Jekk jogħġbok dejjem inkludi l-hashtag tal-kampanja #EUVocationalSkills, #DiscoverYourTalent meta xieraq, fil-posts tiegħek fuq Facebook, Twitter, eċċ. Aħna mbagħad nistgħu nissorveljaw il-posts tiegħek u nqassmuhom fil-kontijiet tal-Kumissjoni Ewropea meta jkun xieraq.

## Ikkuntattjana

Aħna bi pjaċir ngħinuk rigward kwalunkwe mistoqsija li jista' jkollok dwar l-attivitajiet tal-midja soċjali.

**Sit web:** [ec.europa.eu/social/VocationalSkillsWeek](http://ec.europa.eu/social/VocationalSkillsWeek)

**Email:** [info@vocationalskillsweek.eu](mailto:info@vocationalskillsweek.eu)

**Telefon:** +44 (0)207 444 4264

**Yammer:** [www.yammer.com/europeanvocationalskillsweeknetwork](http://www.yammer.com/europeanvocationalskillsweeknetwork)

**Twitter:** @EU\_social @EuropeanYouthEU #EUVocationalSkills #DiscoverYourTalent

**Facebook:** @socialeurope, @EuropeanYouthEU